MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2010

Rikors Numru. 20/2010

**Louis Apap Bologna (ID 701544M) eredi tal-mejta Markiza Wilfrida Apap Bologna.**

**vs**

**Kummissarju tal-Artijiet**

Il-Bord

Ra r-rikors promutur li jghid:

Illi huwa proprjetarju tal-fond 216A, Strada San Paolo, il-Belt Valletta;

Illi l-intimat jikri 'l fuq imsemmi fond bil-kera ta' elf mitejn u tmenin Euro u tmenin centezmu (€ 1,285.80) fis-sena li jithallsu bit-tlett xhur bil-quddiem, l-iskadenza li jmiss taghlaq fil-25 ta' Gunju 2010;

Illi l-intimat mhux qieghed juza dan il-fond, hallih maghluq, imbarra l-bieb ta' barra bil-gebel u b'hekk m'huwiex qed jaghmel uzu mill-fond skond l-iskop li ghalih gie mikri lilu, u cioe' dak ta' ufficju;

Illi in oltre, l-intimat ghamel alterazzjonijiet strutturali, b'dannu evidenti ghas-sid u dan minghajr il-permess ta' l-istess sid;

Illi fil-25 ta' Gunju 2009 ir-rikorrent intimat ufficjalment lill-intimat b'dan, infurmah li mhux bi hsiebu igedded il-kera u talbu jirritorna c-cavetta kopja ta' din l-ittra ufficjali hija hawn esebita u mmarkata Dok A, izda inutilment;

Ghaldaqstant in vizta tal-premess l-esponenti jitolbu bir-rispsett li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jawtorizza lis-sid ma jgeddidx il-kera tal-fond bin-numru 216A fi Strada San Paolo, il-Belt Valletta u jawtorizza r-ripresa ta' l-istess fond mis-sid u b'hekk jikkundanna lill-intimat ghall-izgumbrament mill-fond fi zmien qasir u perentorju li jigu lilu prefiss mill-istess Onorabbli Bord ghal dan l-iskop;

Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-intimat ghas-subizzjoni;

Semgha l-provi;

Ra l-atti tal-kawza;

Ikkonsidra:

Illi l-provi migjuba a konjizzjoni tal-Bord f'din il-kawza jikkonsistu fix-xhieda tal-istess rikorrenti u dokumenti konsistenti f'hames ritratti. Ir-rikorrenti jghid illi l-fond kien mikri lill-intimat bhala ufficcju u dan m'ghadu jintuza ghall-ebda skop. Huwa oggett maghruf pubblikament illi l-Ufficcju tal-Passaport fi Strada San Paolo l-Belt Valletta minn xi zmien 'l hawn kien spostat ghall-Strada Merkanti u in effetti ir-ritratt fuq Dok LAB 1 jixhed dan b'tabella mwahhla fuq il-bieb ta-fond *de quo* li tghid: "Passport & ID Office have moved for Evans Buildings, Merchant Street, Valletta (behind ID Cards).

Oltre dan, l-istess rikorrenti esebixxa ritratt li juri lil l-entratura tal-bieb laterali kien imbarrat bil-bricks minn gewwa. Dan rah hu stess u fil-fatt ha ritratt tieghu meta acceda fl-istess fond.

Illi konkordi mal-gurisprudenza u kif jemergi mill-provi akkolti, dan jammonta sia ghal-*non uso* tal-fond in kwistjoni kif ukoll ghall-alterazzjoni strutturali li kienet tirrikjedi l-awtorizazzjoni tas-sidien, haga din li ma kienitx ottenuta skond ix-xhieda tar-rikorrenti Louis Apap Bologna;

Ghal dawn il-mottivi, l-Bord jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzah ma jgeddidx l-kera tal-fond 216A Strada San Paolo, l-Belt Valletta fl-iskadenza li jmiss u jawtorizzah jirriprendi l-istess fond fi zmien tletin (30) jum mil-25 ta’ Gunju 2010.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------